# L-EWWEL PARK ARKEOLOĠIKU F'BAĦAR FOND INAWGURAT LIL HINN MIX-XLENDI

**Stqarrija | 9 ta' Awwissu 2023**

L-ewwel Park Arkeoloġiku f'Baħar Fond fid-dinja ġie inawgurat lil hinn mix-Xlendi, Għawdex.

Il-park, sponsorjat mill-Fondazzjoni tal-Ajruport ta' Malta, huwa l-frott ta' sforz kollaborattiv bejn it-Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar fi ħdan Heritage Malta, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, l-Università ta' Malta, u l-Kunsill Lokali tal-Munxar.

Dikjarat bħala Żona Arkeoloġika fil-Baħar fl-2020, dan il-park uniku jkopri medda rettangolari ta' siwi arkeoloġiku sinjifikanti, b'daqs ta' 67,000m². Jinsab bejn wieħed u ieħor 540 metru fil-Lbiċ ta' Ras il-Bajda u tat-torri storiku li kien jgħasses il-kosta fuq ix-xaqliba tax-Xlendi. Oġġetti tal-fuħħar li nstabu f'bastiment Puniku li għereq fil-post fejn issa hemm il-park qed jiġu sebiti f'dan it-torri li għadu kemm ġie restawrat.

Il-fond tal-baħar fejn hemm il-park ivarja bejn 105 metri u 115-il metru. Hawnhekk qiegħ il-baħar hu karaterizzat minn ramel fin u sikek tal-qroll estinti. Madwar is-sikek wieħed jista' jara ġemgħat ta' oġġetti arkeoloġiċi, l-aktar anfori. Aktarx li hemm aktar fdalijiet arkeoloġiċi midfunin fir-ramel, meta wieħed iqis is-sediment li jinġarr kontinwament mill-wied tax-Xlendi kif ukoll il-preżenza ta' oġġetti midfunin parzjalment.

Il-pubbliku ġenerali jista' jdur dawra mal-park virtwalment billi jidħol fis-sit www.underwatermalta.org, jew permezz tal-esperjenza Dive Into History 360 offruta minn Heritage Malta. Il-wirja fiżika fit-Torri tax-Xlendi tgħin ukoll biex wieħed jifhem aħjar x'hemm fil-park.

F'diskors fiċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-park, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici, qal li permezz tal-park, riċerkaturi u bugħaddasa tekniċi mid-dinja kollha jistgħu jesploraw l-Istorja ta' Malta mill-perspettiva differenti għal kollox li toffri l-arkeoloġija. Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tal-mużew virtwali iktar nies jistgħu japprezzaw is-siti uniċi tal-ibħra tagħna.

Il-Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri, esprima s-sodisfazzjon tiegħu li l-ewwel park arkeoloġiku fil-fond tal-baħar qed jitniedna fil-gżira Għawdxija. Dan il-park żgur li se jkun raġuni oħra għaliex aktar viżitaturi ta' kwalità jagħżlu lil Għawdex għal vaganza li toffrilhom esperjenza partikolari u differenti minn postijiet oħra. Madankollu, l-għan ewlieni mhux li jkompli jitjieb il-prodott turistiku, iżda li nieħdu ħsieb il-wirt kulturali rikk u dak kollu li ħallewlna missirijietna sabiex nippreservaw l-identità tagħna u l-karatteristiċi li jiddistingwuna.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Il-Professur Timmy Gambin, li jmexxi Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar fi ħdan Heritage Malta, semma kif fix-Xlendi ilha tintuża teknoloġija innovattiva ta' taħt il-baħar sa minn tmiem is-snin 50 tas-seklu l-ieħor. Huwa qal li dan il-park uniku hu xhieda tal-valur tal-fdalijiet arkeoloġiċi lil hinn mill-kosta tax-Xlendi, filwaqt li jagħmel il-wirt kulturali u l-prodott turistiku ta' Għawdex aktar għani. Permezz ta' sforzi kollaborattivi oħra fil-ġejjieni, u grazzi għall-appoġġ ġeneruż tal-Fondazzjoni tal-Ajruport ta' Malta, Għawdex se jkompli jiżviluppa bħala ċentru ta' eċċellenza fl-oqsma tal-arkeoloġija ta' taħt il-baħar u l-maniġġar tal-wirt kulturali.

Iċ-Chairman tal-Fondazzjoni tal-Ajruport ta' Malta, Josef Formosa Gauci, qal li d-deċiżjoni tal-fondazzjoni li tappoġġja dan il-proġett kienet waħda faċli, għax il-wirt ta' taħt il-baħar huwa parti integrali mill-prodott turistiku tal-Gżejjer Maltin kif ukoll mill-identità tagħna. Minkejja li l-fond li fih jinsab dan il-park jagħmlu aċċessibbli biss għall-għaddasa tekniċi, ta' min ifaħħar il-ħidma ta' Heritage Malta sabiex twassal dak li hemm mistur f'qiegħ il-baħar għand udjenzi speċjalizzati u l-pubbliku ġenerali. Huwa ta' unur għall-Fondazzjoni tal-Ajruport ta' Malta li setgħet tikkontribwixxi għas-suċċess miksub sa issa u hija impenjata li tkompli tagħti l-appoġġ tagħha lil dan il-proġett uniku li mhuwiex importanti biss għal Malta iżda wkoll għall-istorja usa' taċ-ċentru tal-Mediterran.

Damien Spiteri, is-Sindku tal-Munxar, qal li inizjattivi bħal dawn joffru dimensjoni unika tal-wirt kulturali u storiku li jinsab fix-Xlendi u l-promozzjoni tal-istorja rikka tiegħu. Huma inizjattivi bħal dawn li jixirqu lir-raħal tax-Xlendi – inizjattivi u proġetti li huma f'sintonija mal-ambjent naturali u mal-karatteristiċi uniċi tax-Xlendi. B'dan it-tip ta' inizjattivi nkunu nistgħu nippreservaw u nibqgħu ngawdu dak li verament isawwar lix-Xlendi.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta